28.06.2017

# Id-'data' satellitari: għodda importanti biex jiġu indirizzati sfidi globali umanitarji, migratorji, u ta' sigurtà

*"Huwa essenzjali li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jaħdmu b'mod konverġenti, kollettiv, u armonizzat biex jiżviluppaw soluzzjonijiet Ewropej sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi kurrenti kif ukoll fawk li qed jitfaċċaw."*

L-użu ta' *data* miġbura permezz tat-tekniki tal-Osservazzjoni tad-Dinja huwa għodda importanti għall-iżvilupp ekonomiku u biex nindirizzaw sfidi globali oħrajn bħall-assistenza umanitarja, il-migrazzjoni, u s-sigurtà, qal il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ Carmelo Abela.

"Aħna nirrikonoxxu l-kontribut li jagħtu l-programmi u proġetti spazjali Ewropej favur l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà u, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea hija attur indispensabbli," qal il-Ministru. "Huwa essenzjali li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jaħdmu b'mod konverġenti, kollettiv, u armonizzat biex jiżviluppaw soluzzjonijiet Ewropej sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi kurrenti kif ukoll fawk li qed jitfaċċaw."

Il-Ministru Abela kien qed jindirizza konferenza bit-tema 'Space Solutions for Resilience in the Mediterranean', li organizzawha flimkien il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, l-Aġenzija Spazjali Ewropea, u l-Kummissjoni Ewropea, taħt l-awspiċi tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE. Il-konferenza, li saret fl-Esplora, il-Kalkara, fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2017, laqqgħet individwi li jfasslu l-politika, xjentisti, operaturi tas-servizzi, u speċjalisti fl-applikazzjoni tal-Osservazzjoni tad-Dinja mill-Ewropa u mir-reġjun tal-Mediterran biex jiddiskutu l-kunċett innovattiv tal-valutazzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet spazjali biex il-Mediterran ikun aktar reżiljenti.

Is-suġġetti li ġew diskussi waqt il-konferenza kienu jinkludu l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi sħab tal-UE; suġġetti li huma fil-qalba tal-ħidma multilaterali li wettaq il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ u oqsma li fihom sar progress importanti taħt il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE.

Fis-26 ta' Ottubru tal-2016, l-UE ħarġet Strateġija Spazjali għall-Ewropa u ffirmat dikjarazzjoni flimkien mal-Aġenzija Spazjali Ewropea bil-ħsieb li timmassimizza l-integrazzjoni tal-ispazju fis-soċjetà u l-ekonomija tal-Ewropa billi żżid l-użu tat-teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali biex jiġi sostnut l-ordni pubbliku. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjonijiet effettivi għall-isfidi l-kbar tas-soċjetà li għandhom quddiemhom l-Ewropa u d-dinja, billi jqawwu s-sinerġiji bejn l-

attivitajiet ċivili u tas-sigurtà fl-oqsma tan-navigazzjoni, tal-komunikazzjoni, u tal-osservazzjoni, inkluż permezz tas-sorveljanza tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà fil-fruntieri, fuq l-art, u fuq il-baħar.

"Nilqgħu bi pjaċir it-twaqqif ta' sistema bħall-Copernicus, li tipprovdi informazzjoni ġeospazjali f'waqtha u preċiża miġbura permezz ta' telerivelament satellitari u kkompletata b'sorsi ta' *data in situ* jew miftuħa," qal il-Ministru Abela. "Il-Copernicus hija effiċjenti bil-kbir fil-ġestjoni tad-diżastri billi toffri appoġġ għall-istat ta' tħejjija u għall-prevenzjoni. Dan tagħmlu billi tipprovdi *data* li tgħin biex jiġu identifikati r-riskji u jiġu skansati l-imwiet u d-danni, b'mod li jindirizza kemm il-fażi tar-rispons kif ukoll dik tal-irkupru. Il-Copernicus tista' sservi ta' sistema ta' twissija preventiva u ttaffi l-affetti katastrofiċi kkaġunati minn diżastru naturali. Dan huwa eżempju ċar ta' kif ix-xjenza u l-politika jistgħu jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità."

Fil-marġni tal-konferenza, il-Ministru Abela kellu skambju ta' fehmiet mad-Direttur responsabbli mill-Programmi tal-Osservazzjoni tad-Dinja fi ħdan l-Aġenzija Spazjali Ewropea, Josef Aschbacher.



## 28.06.2017




Photo - DOI - Reuben Piscopo

https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35493835021/in/album-72157675458927640/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/34815290403/in/album-72157675458927640/